**PRIM`AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 255/2020 JZM**

**Birdlife Malta V.0. 0052**

***kontra***

**Prim Ministru**

**Ministru ghall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar**

***u***

**Ministru ghal Ghawdex.**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fit-30 ta` April 2020 li jaqra :–

*1. Illi bil-hatra tal-kabinett il-Gdid f`Jannar ta` 2020 ir-responsabilita` tal-infurzar tal-Kap 549 tal-Ligijiet ta` Malta giet assenjata lill-Ministru ghal Ghawdex meta l-Att dwar il-Protezjoni tal-Ambjent jirrikonoxxi biss lill-Ministru ghall-Ambjent bhala l-persuna risponsabbli.*

*2. Illi dan l-ahhar gie mhabbar li l-Ministru ghal Ghawdex se ikun risponsabbli fost ohrajn tal-"Wild Bird Regulations Unit" u dan meta skont il-ligi l-persuna risponsabbli ghal regulamenti hawn fuq imsemmija huwa l-Ministru ghal Ambjent.*

*3. Illi Kap 549 tal-Ligijiet ta` Malta (Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) espressament jistipola, fl-istess att, li meta issir riferenza ghal Ministru dan huwa riferenza ghal Ministru risponsabbli ghal Ambjent (Artikolu 2 tal-istess att).*

*4. Illi minkejja dan u minkejja protest presentat mill-esponent, dan l-ahhar il-Ministru ghal Ghawdex b`mod ultra vires hareg licenzji ghal kacca meta huwa biss il-Ministru risponsabbli ghall-Ambjent li ghandu l-poter legali sabiex johrog tali licenzji.*

*5. Huwa biss l-Ministru tal-Ambjent li ghandu vesti ufficjali skont il-ligi sabiex jagixxi u johrog licenzji ghal kacca kif fuq imsemmi.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:*

*(1) Issib li d-decizjoni tal-intimati jew ta` min minnhom li johrogu l-licenzja ghal kacca huwa ultra vires peress li sar bi ksur tal-ligi.*

*(2) Tordnalhom jew lil min minnhom sabiex jirrevokaw il-licenzji li hargu b`vjolazzjoni tal-ligi u*

*(3) Taghti kull provvediment u xierqa u opportuna.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li kienet prezentata fis-27 ta` Mejju 2020 u li taqra :-

*Illi l-esponenti qeghdin iressqu s-segwenti eccezzjonijiet illi qeghdin jinghataw strettament minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*1. Illi in linea preliminari, il-Prim Ministru mhuwiex legittimu kontradittur fil-kawza odjerna.*

*2. Illi in linea preliminari l-esponenti jecepixxu l-improponibilita` tal-kawza odjerna u dan peress illi mill-mod kif inhu redatt ir-rikors promotur ma jirrizultax x` tip ta` kawza qieghda tipproponi r-rikorrenti.*

*3. Illi in línea preliminari wkoll l-esponenti jecepixxu illi r-rikorrenti m`ghandhiex l-interess guridiku necessarju sabiex tistitwixxi l-kawza odjerna.*

*4. Illi kemm-il darba l-Qorti ssib li din il-kawza hija ppernjata fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-esponenti jecepixxi illi din l-azzjoni ma setghetx titressaq mir-rikorrenti u dan peress illi d-decizjoni illi minnha qieghda tilmenta r-rikorrenti mhijiex decizjoni illi ttiehdet wara talba li saret min-naha taghha u ghalhekk l-ghemil amministrattiv li qed jintalab li jigi mistharreg mhuwiex ghemil amministrattiv maghmul fil-konfront tar-rikorrenti.*

*5. Illi fil-mertu ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap.12, jigi dikjarat illi l-fatti dikjarati mis-socjeta` rikorrenti qed jigu kkontestat u jehtieg illi jigu pruvati.*

*6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Illi l-licenzji mertu tal-kaz odjern ma nhargux mill-Ministru ghal Ghawdex kif allegat mir-rikorrenti.*

*8. Illi minn qari tar-regolamenti vigenti jirrizulta illi l-ligi ma taghtix il-funzjoni tal-hrug tal-licenzji lill-Ministru tal-Ambjent izda skont il-ligi, din il-funzjoni tispetta b`mod esklussiv lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.*

*9. Illi l-licenzji mertu tal-kaz odjern inhargu mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi kif titlob il-ligi u ghaldaqstant certament illi din id-decizjoni ma kinitx ultra vires kif allegat mir-rikorrenti.*

*10. Illi ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex il-licenzji mertu tal-kaz odjern ghandhom jigu revokati.*

*11. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti dejjem agixxew korrettement skont il-ligi u fil-parametri imposti mil-ligi u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

*12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat illi fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2020 il-partijiet nghataw direzzjoni li kellhom jittrattaw l-ewwel erba` eccezzjonijiet li kienu ta` natura preliminari.**

Rat il-provi li tressqu limitatament dwar dawk l-eccezzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum limitatament dwar dawk l-eccezzjonijiet bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Provi

**Richard Lia**, Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasar Selvaggi, xehed li l-kaz odjern jittratta dwar il-licenzji specjali tal-kacca ghas-summien fir-Rebbiegha 2020. L-applikazzjonijiet ghal-licenzja specjali tal-kacca fir-rebbiegha 2020 bdew jintlaqghu bejn it-

12 u d-19 ta` Marzu 2020. Il-licenzji tqassmu bil-posta registrata bejn l-24 u t-28 ta` Marzu 2020. Il-perjodu ta` validita` ta` dawn il-licenzji dejjem ikun marbut mad-dati tal-istagun u mal-kwota nazzjonali. Fil-kaz tal-2020 l-istagun infetah ghaz-zmien ta` bejn l-10 ta` April 2020 u t-30 ta` April 2020 minn saghtejn qabel tlugh ix-xemx sa nofsinhar. Il-validita` tal-licenzji kienet limitata ghal dak il-perjodu biss. Peress illi l-kwota nazzjonali ghas-summien baqghet ma ntlahqitx, l-istagun tal-kacca inghalaq fit-30 ta` April 2020 u l-validita` tal-licenzja skadiet fit-30 ta` April 2020 f`nofsinhar. Zied jghid illi BirdLife Malta ma kellha ebda licenzja specjali tal-kacca fir-rebbiegha 2020 u lanqas qatt ma applikat ghal tali licenzja.

**Mark Sultana**, Kap Ezekuttiv ta` BirdLife Malta ("**BirdLife**") spjega illi l-kaz tal-lum huwa dwar l-Att tal-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549 tal-Ligijiet ta` Malta) u ligijiet sussidjarji ghall-istess Att. Fl-Att issir referenza ghall-Ministru ghall-Ambjent bhala l-amministratur ewlieni ta` kwalunkwe qafas u azzjoni relatata maghhom inkluz ukoll it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi. Fil-fatt l-Artiklu 2 tal-legislazzjoni sussidjarja 549.42 u cioe` ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jghid illi din it-taqsima hija mwaqqfa fi hdan il-Ministeru ghall-Ambjent. Ghalhekk id-decizjoni tal-Prim Ministru li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi tigi assenjata lill-Ministeru ghal Ghawdex tmur kontra l-ispirtu tal-legislazzjoni sussidjarja 549.92.

Xehed illi BirdLife ghandha interess guridiku sabiex tippromwovi din il-kawza peress illi kull cittadin jew ghaqda li tifforma parti mis-socjeta` civili ghandu jkollha l-mezzi legali sabiex twaqqaf lill-Gvern milli jopera b`mod illegali. BirdLife taqdi rwol f`diversi oqsma in konnessjoni mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fosthom billi tara li kull ftehim, licenzja, permess, obbligi, dmirijiet jew drittijiet milhuqa f`xi ftehim ikunu skont il-ligi. Huwa elenka l-kronologija tal-fatti li wasslu ghal din il-kawza :-

- **13 ta` Jannar 2020** – Dr Robert Abela inhatar bhala Prim Ministru ta` Malta.

- **<u>15 ta` Jannar 2020</u>** – il-Prim Ministru hatar Kabinett gdid fejn l-Onor. Aaron Farrugia inhatar Ministru ghall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar u l-Onor. Clint Camilleri inhatar Ministru ghall-Agrikoltura, Sajd, Drittijiet tal-Annimali u Drittijiet tal-Konsumatur.

- **<u>17 ta` Jannar 2020</u>** – BirdLife kitbet lill-Prim Ministru sabiex it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u l-Kumitat Ornis jinzammu taht il-Ministeru ghall-Ambjent.

- **<u>21 ta` Jannar 2020</u>** – Il-Ministru Clint Camilleri inhatar Ministru ghal Ghawdex.

- **<u>22 ta` Jannar 2020</u>** – BirdLife kitbet lill-Ministru Dr Aaron Farrugia dwar l-importanza illi t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi kif ukoll il-Kumitat Ornis ikunu jiffunzjonaw taht il-Ministru ghall-Ambjent kif trid il-ligi.

- **<u>29 ta` Jannar 2020</u>** – BirdLife Malta pprezentat protest gudizzjarju fejn ilmentat dwar id-decizjoni tal-Ministru ghal Ghawdex li jamministra t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.

- **<u>1 ta` April 2020</u>** saret l-ewwel laqgha tal-Kumitat Ornis. Fil-laqgha kien imfisser kif it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u l-Kumitat Ornis kienu qeghdin jirrappurtaw lill-Ministru ghal Ghawdex.

- **<u>9 ta` April 2020</u>** hargu l-Avvizi Legali 139 u 140 tal-2020 mill-Ministru ghall-Ambjent fejn gew dikjarati l-parametri tal-istagun tal-kacca ghar-Rebbiegha 2020.

- **<u>10 ta` April 2020</u>** fetah l-istagun tal-kacca ghas-sena 2020.

- **<u>21 ta` April 2020</u>** – Ix-xhud ircieva e-mail minghand il-Ministeru ghal Ghawdex fejn intalab jaghti d-dettalji tieghu sabiex jinhatar bhala membru tal-Kumitat Ornis. Huwa wiegeb lura fejn staqsa ghaliex ir-rikjesta giet mill-Ministeru ghal Ghawdex.

- **<u>22 ta` April 2020</u>** – BirdLife ghamlet kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrimarkat li l-licenzji tal-kacca fir-Rebbiegha 2020 ma kienux validi ghaliex il-Ministeru ghal Ghawdex ma kellux is-sahha legali sabiex johrog il-licenzji tal-kacca.

- **<u>23 ta` April 2020</u>** – il-Kummissarju tal-Pulizija kiteb lura lil BirdLife Malta fejn informaha illi anke jekk il-licenzji hargu *ultra vires*, ma setghux jittiehdu passi kontra min kien qieghed juza dawk il-licenzji. Il-Kummissarju tal-Pulizija rrileva illi d-dover tal-Pulizija kien li jenforza l-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-organi kompetenti waqt illi s-sindikar tal-validita` tal-ligijiet u tal-atti amministrattivi kienet fdata lill-istituzzjonijiet kompetenti.

- **<u>5 ta` Mejju 2020</u>** BirdLife Malta intavolat il-kawza odjerna.

- **<u>12 ta` Mejju 2020</u>** – Harget il-Gazzetta tal-Gvern numru 20,403 b`avviz li jghid illi r-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi kienet qeghda tiffunzjona taht il-Ministru ghal Ghawdex.

## III. <u>L-azzjoni</u>

Minn qari tar-rikors promotur jirrizulta illi bl-azzjoni odjerna BirdLife qeghda titlob li jkun hemm dikjarazzajoni mill-qorti li l-licenzji ghall-kacca li hareg il-Ministeru ghal Ghawdex huma *ultra vires*. Fil-premessi jinghad illi t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi (`**it-Taqsima`**) hija stabbilita bil-ligi u skont il-ligi taqa` taht ir-responsabbilita` tal-Ministeru ghall-Ambjent ; ghalhekk huwa biss dan il-Ministeru illi ghandu s-setgha bil-ligi li johrog il-licenzji ghall-kacca. Jinghad ukoll illi fiz-zmien li ppreceda l-prezentata ta` din il-kawza, it-Taqsima tpoggiet direttament taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex. Skont BirdLife l-Ministru ghal Ghawdex ma jgawdi ebda awtorita` legali sabiex taht l-awtorita` tieghu johorgu l-licenzji tal-kacca ; b`hekk il-hrug ta` licenzji fil-perijodu in kwistjoni huwa *ultra vires.*

Ferm il-premess, il-qorti tosserva, abbazi tax-xiehda ta` Mark Sultana u skont ma jirrizulta min-nota ta` osservazzjonijiet tal-attrici, illi fuq naha wahda BirdLife tafferma li t-Taqsima hija stabbilita b`ligi u taqa` fir-responsabbilita` tal-Ministeru ghall-Ambjent, u fuq in-naha l-ohra qeghda tattakka kull licenzja li harget it-Taqsima taht l-awtorita` tal-Ministeru ghal Ghawdex ghaliex *bi vjolazzjoni tal-ligi*.

Fil-parti introduttorja tan-nota ta` sottomissjonijiet taghha, senjatament fil-paragrafu numru 5, BirdLife tghid : "*Ghaldaqstant BirdLife Malta qed titlob lill-Qorti biex issib l-assenjazzjoni tal-Wild Birds Regulation Unit bhala parti mid-dekasteru tal-Ministeru ghal Ghawdex bhala kontra l-Ligi tal-Ambjent Kap. 549, u l-ligi sussidjarja 549.42*." Fil-premessi tar-rikors guramentat mhux qed jinghad hekk. Il-premessi u t-talbiet huwa mmirati esklussivament lejn in-nullita` ta` licenzji mahruga taht l-awtorita` tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-kwistjoni dwar l-assenjazzjoni tat-Taqsima tmur lil hinn mill-parametri ta` kif kienet impostata l-vertenza mill-attrici, u l-qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar materji li dwarhom ma kenitx mitluba tipprovdi.

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba*

*tkun mitluba a bazi ta` kawzali partikolari. Mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti li tinvestiga lill`hinn minn dik il-kawza. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kaz* ***Azzopardi v. Azzopardi*** *deciza fil-31 ta` Jannar 2003 : "il-qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed."*

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza **Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit**, il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk :-

> *"Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – "****Joseph Gatt –vs- Joseph Galea****", Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; "****Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo****", Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976 ; "*

(ara wkoll : Qorti ta` l-Appell Inferjuri : 10 ta` Ottubru 2005 : **Grobett Holdings Ltd v. Abela pro et noe** ; Qorti tal-Appell Inferjuri : 20 ta` Ottubru 2003 : **Borg v. Halmann Limited** ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 2 ta` Frar 1990 : **Gatt v. Debono et**)

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Cilia v. Carmela Cilia** l-Qorti tal-Appell irrimarkat illi :- *"mhux lecitu allura, li l-Qorti tmur lil hinn mit-talba, ghax is-sentenza trid tirrispekkja biss dak li gie mitlub."*

## IV. L-eccezzjonijiet preliminari

### 1. Legittimita` tal-persuna (l-ewwel eccezzjoni)

**Kien eccepit illi l-Prim Ministru mhuwiex legittimu kontradittur tal-attrici.**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jirrilevaw illi r-raguni ewlenija wara din l-ewwel eccezzjoni hija fondata fuq il-fatt illi fil-kaz ta` llum il-Prim Ministru la ha u lanqas kellu l-poter li jiehu xi decizjoni fir-rigward tal-hrug tal-licenzji. Zdied jinghad illi minn kopja ta` licenzja li kienet prezentata bhala prova minn Richard Lia, jirrizulta b`mod evidenti illi l-licenzja la nharget mill-Prim Ministru u lanqas mill-Ministru ghal Ghawdex tant illi fil-fatt tirrizulta ffirmata unikament minn Richard Lia bhala l-Kap tat-Taqsima.

Il-konvenuti jirreferu ghar-regolamenti numru 11 u 12 tal-legislazzoni sussidjarja 549.42 u ghar-regolament numru 4 tal-legislazzjoni sussidjarja 549.57, li kollha jistabilixxu li s-setgha ghall-hrug ta` licenzji hija fdata *ope legis* lit-Taqsima.

Saret ukoll referenza ghall-**Art 181B tal-Kap 12**. Ir-rapprezentanza tal-Gvern f`kawzi civili hija tal-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat bil-kwistjoni. Ghalhekk ladarba l-Prim Ministru mhuwiex inkarigat bil-hrug ta` licenzji ma kellux ikun imharrek sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha BirdLife tirrileva li kien il-Prim Ministru li meta hatar il-Kabinett qassam ukoll ir-responsabilitajiet tal-Ministri. F`dan il-kaz kien il-Prim Ministru illi nehha l-amministrazzjoni tat-Taqsima minn idejn il-Ministru ghall-Ambjent u ghaddiha ghal idejn il-Ministru ghal Ghawdex. Tosserva li l-Prim Ministru huwa responsabbli ghall-harsien tal-ligijiet tal-pajjiz. Ghalhekk ladarba l-ligi stess taht il-Kap 549 u l-legislazzjoni sussidjarja 549.42 tghid illi t-Taqsima taqa` taht ir-responsabilita` tal-Ministru ghall-Ambjent, il-Prim Ministru ma setax bil-ligi kif inhi sal-lum jaghzel illi *di marte propria* jinjora l-ligi. Tikkontendi li dik id-decizjoni tal-Prim Ministru hija *ultra vires* l-poteri tal-Prim Ministru u

konsegwentement kull decizjoni li tittiehed mit-Taqsima sakemm iddum taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex hija kontra l-ligi. BirdLife taghmel ukoll l-argument illi l-hsieb tal-legislatur kien dak illi kwalunkwe haga illi tmiss mal-harsein tal-ambjent u tal-bijodiversita` ghandha taqa` taht id-dekasteru tal-Ministru ghall-Ambjent sabiex ikun hemm vizjoni shiha tal-harsien tal-ambjent. Bid-decizjoni tieghu li t-Taqsima tmur taht ir-responsabbilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex, il-Prim Ministru mar kontra l-ispirtu tal-ligi. Id-decizjoni hija aggravata ulterjorment bil-fatt illi l-Ministru ghal Ghawdex huwa nassab u kaccatur licenzjat.

Aktar kmieni fit-taqsima ta` qabel din il-qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-fatt illi mkien fid-domandi li ghamlet l-attrici ma l-qorti ntalbet tippronunzja ruhha dwar id-decizjoni tal-Prim Ministru illi jnehhi t-Taqsima minn taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghall-Ambjent biex tmur taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex. It-talbiet huma cari u dwarhom ghandha tinghata decizjoni. Jekk il-qorti tmur oltre tkun qeghda taghti decizjoni *ultra petita*.

Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni li tittratta l-*locus standi* tal-Prim Ministru fil-kawza odjerna, il-qorti tghid li l-materja hija regolata bl-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>**. Fid-disposizzjoni, li dahlet fis-sehh bl-Att XXIV tal-1995, jinghad espressament fis-subinciz (1) li "*l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*". Daqstant bhala regola generali. Imbaghad fis-subinciz (2) tal-istess artikolu illi ir-rapprezentanza tal-Gvern kien vestita fl-Avukat Generali (illum l-Avukat tal-Istat) fil-kaz ta` dawk "*l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern*".

L-Artikolu 181B (1) huwa car u inekwivoku.

Fis-sentenza li nghatat fit-12 ta` Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

> *"… il-konvenut huwa l-Gvern ta` Malta u, jekk ghandu jinghata rimedju mill-Gvern ta` Malta, kull ma hu mehtieg hu illi l-gvern ikun rapprezentat fil-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk ma hijiex jekk ghandux ikun imharrek l-Avukat Generali jew l-Awtorita` tad-Djar, izda min ghandu jidher f`isem il-Gvern ta` Malta. Dwar dan, il-ligi, fl-art. 181 B tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija cara: f`isem il-Gvern ta` Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Generali f`isem il-Gvern ta` Malta biss "f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Fil-kawza fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited (C 3847) v. Avukat Generali et** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Settembru 2011, l-intimati l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni EneMalta eccepew illi mhumiex legittimi kontraditturi ghaliex kemm mil-ligi u kif ukoll mill-gurisprudenza huwa fermament stabbilit illi l-Avukat Generali ghandu jigi msejjah sabiex iwiegeb dwar allegat ksur ta` drittijiet fondamentali. Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :

> *"Il-kwistjoni ta` rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta li gie introdott bl-Att XXIV tal-1995. Dan l-artikolu, filwaqt li jitkellem dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern, ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proceduri normali u dawk ta` natura kostituzzjonali. Hemm jinsab provdut espressament li, bhala regola generali "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Din ir-regola izda ma tapplikax f`kawzi ghall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern, kwistjonijiet dwar impieg mal-Gvern u dwar kuntratti ta` provvista*

*jew appalt li jehtiegu l-prezenza tal-Accountant General, tas-Segretarju Amministrattiv, jew id-Direttur tal-Kuntratti rispettivament.*

*B`dan kollu nsibu li s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistabilixxi d-dritt ta` rapprezentanza tal-Gvern fl-Avukat Generali limitatament ghal dawk "l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Ghalkemm l-Artikolu 181B jahseb illi r-rapprezentanza tal-Gvern ghandha tkun fdata f`idejn l-Avukat tal-Istat, diversi kienu dawk l-istanzi fejn il-qrati taghna kienu tal-fehma li l-Ministru responsabbli ghandu jitqies ukoll bhala legittimu kontradittur. Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-7 ta` Jannar 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et** inghad hekk :-

*"Skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament l-Ministru responsabbli ma jista` qatt ikun il-legittimu kontradittur f`azzjoni gudizzjarja. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq et** deciza mill-Qorti tal-Appell intqal deciza fis-6 ta` Frar 2015 illi:*

*"qed jigi sottomess illi ladarba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw il-komunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il-prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma` din is-sottomissjoni. L-avviz legali in kwistjoni nhareg mill-imsemmi Ministru, u huma t-termini ta` dak l-avviz legali nnifsu li qed jigu attakkati b`din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz legali. L-awtoritajiet l-ohra jista` jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-ligi, pero`, xorta wahda hemm bzonn li l-gvern ikun fil-kawza, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li ntrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-ligijiet li*

*jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni."*

*Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Falzon vs Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et*** *din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-opinjoni illi l-Ministru koncernat kien illegittimu kontradittur nonostante dak provdut fl-Artikolu 181B ghaliex:*

*"...minn qari tal-ligijiet in kwistjoni specjalment il-Kap 437 u cioé l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li rresponsabbiltà dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 48 tal-Kap. 437 jipprovdi li d-Direttur ghandu, inter alia, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x`taqsam mas-sahha pubblika tal-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x`taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-sahha u ghandu jirrapporta perjodikament lill-Ministru. Ma dan jinghad ukoll li l-Ministru bis-sahha tas-setgha moghtija bl-artikolu 10 tal-Att tal-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent hareg ir-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta` Sahha li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq ta` Laham ta` Tjur Frisk liema regolamenti gew invokati meta l-attivita` tal-attur giet sospiza fis-sena 2004 (u cioé wara li kienet infethet din il-kawza)."*

*Fuq l-istess linja ta` hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Prim`Imhallef Emeritus Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalità tieghu ta` Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta` Ottubru 2015 gie rrilevat illi:*

*"fil-fehma tal-Qorti l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali gie mharrek korrettament u huwa l-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri peress li mill-atti tal-kawza jirrizulta b`mod car li kien taht id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet mahrugin minnu li ttiehdet id-decizjoni li l-Ministeru tieghu..."*

*F`dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda ta` Oliver Magro illi d-decizjoni finali rigward il-pjan lokali u l-flood relief system kienet f`idejn il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Ghalhekk, u fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali gie mharrek korettament f`dawn il-proceduri, ghaliex jekk id-decizjoni li minnha qed isir ilment kienet tal-Ministru, ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghad-decizjoni tieghu f`din il-kawza*."

Fl-isfond ta` din il-gurisprudenza, jidher illi l-punt determinanti huwa jekk il-Prim Ministru kienx involut fl-agir lamentat ghaliex jekk ma kellux allura ma hemmx raguni ghaliex jigi msejjah iwiegeb ghall-agir ta` terzi.

Din kienet il-linja ta` hsieb li kienet traccjata fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta (mhux appellata) fid-29 ta` Ottubru 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Jimmy Magro et v. Il-Prim Ministru ta` Malta et** fejn inghad hekk :-

"*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta` rimedju li jista` jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejaltà u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu rrimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-ghemejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti. Ma` dawn, u dejjem jekk*

*ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni, l-izjed fejn il-kwestjoni mistharrga fl-ilment tkun tolqot fil-laham il-haj xi jedd jew l-interessi taghhom u biex ikun hemm integrità tal-gudizzju;*

*Illi jekk wiehed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f`din il-kawza, wiehed isib li dawn kollha jirrigwardaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qieghda tistharreg ilment maghmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li baghtet lill-Ministru intimat. Fi kliem iehor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-procediment quddiem il-Kummissjoni. Ghalhekk, bi thaddim ta` dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghall-ilment tieghu la ghandhom iwiegbu l-intimat Prim Ministru u lanqas lintimat Avukat tal-Istat. Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi haga li dwarha jilminta ir-rikorrent; fil-kaz tat-tieni, lanqas ma ntwera li l-Avukat tal-Istat iddahhal jew indahal fl-ghoti ta` xi parir jew fl-uzu ta` xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrent jghid li garrab xi ksur tal-jeddijiet tieghu. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iz-zewg intimati jaghtu lir-rikorrent xi rimedju minnu mitlub f`kaz li l-Qorti ssib li lilment tieghu huwa misthoqq;*

*Illi jibqa` li wiehed jara jekk l-intimat Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali jmissux jew le jibqa` fil-kawza. Mill-atti jirrizulta li l-Kummissjoni baghtet lill-Ministru r-rapport bil-konkluzjonijiet taghha, kif titlob il-ligi. Ma jirrizultax li tul l-investigazzjoni mill-Kummissjoni, il-Ministru kien b`xi mod involut. Ghaldaqstant, ladarba l-ilment tar-rikorrent jintrabat mal-mod ta` kif imxiet il-Kummissjoni fl-istharrig tal-ilment li tressaq dwaru, il-Ministru intimat ma jidher li jista` jwiegeb ghall-ebda ghemil jew omissjoni min-naha tieghu, u ghalhekk huwa wkoll ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju*;"

Ghalkemm il-gurisprudenza li ghaliha saret referenza inghatat f`kuntest ta` ksur ta` drittijiet fundamentali, il-principju hemm stabbilit ighodd *mutatis mutandis* ghal sitwazzjoni bhal dik tal-lum.

Il-paragrafu 2 tar-regolament 11 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 ighid illi "*It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi hija responsabbli mill-hrug tal-licenzi skont id-disposizzjonijiet ta` dawn ir-regolamenti*". Dan ifisser illi lil hinn mill-kwistjoni dwar liema Ministeru ghandu r-responsabilita` ghat-Taqsima, il-hrug tal-licenzji huwa funzjoni esklussiva ghat-Taqsima u l-Ministru mhuwiex involut fil-process. Richard Lia pprezenta kopja ta` licenzja specjali ghall-kacca tas-summien fir-rebbiegha. Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-licenzja nharget mit-Taqsima hekk kif din taqa` taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex tant illi l-licenzja harget fuq *letterhead* tal-istess Ministeru. Il-firma fuq il-licenzja hija ta` Richard Lia bhala Kap tat-Taqsima.

Dawn il-provi mhux ikkontestati.

Huwa evidenti li l-ilment ta` BirdLife tnissel minn decizjoni li ttiehdet mill-Prim Ministru meta qieghed it-Taqsima taht l-awtorita` tal-Ministru ghal Ghawdex, minkejja li ma kien hemm emenda fil-ligi tant li l-Art 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 ghadu jqis it-Taqsima bhala li taqa` taht ir-responsabbilita` tal-Ministeru ghall-Ambjent. Waqt illi l-qorti tqis mnejn origina l-ilment tal-attrici, fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari, il-qorti qeghda tqis ukoll illi ma tressqet ebda prova li turi li l-licenzji hargu jew kienu ordnati mill-Prim Ministru. Ghalhekk ma jistax ikun mistenni li l-Prim Ministru jwiegeb ghat-talbiet attrici.

**Ghalhekk qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni, tiddikjara li l-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attrici u tillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2. <u>L-improponibilita` tal-azzjoni</u>**

**(it-tieni eccezzjoni)**

Kienet eccepita l-improponibilita` tal-azzjoni *peress illi mill-mod kif inhu redatt ir-rikors promotur ma jirrizultax x` tip ta` kawza qieghda tipproponi r-rikorrenti*.

Ghalkemm fl-eccezzjoni ma kenitx eccepita ut sic in-nullita` tal-azzjoni attrici, fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom l-intimati fis-sostanza ghamlu l-argument favur in-nullita` tal-azzjoni attrici fuq il-pretest li ghax l-azzjoni attrici ma kenitx cara huma kienu prekluzi milli jiddefendu ruhhom bl-aktar mod xieraq.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tal-attrici kien imfisser illi l-"*azzjoni attrici hija wahda ta` stharrig gudizzjarju per eccellenza*" u tattakka ghemil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12.

Il-qorti tosserva li l-intimati jonqsu milli jindikaw fuq liema disposizzjoni tal-ligi qeghdin iserrhu l-eccezzjoni taghhom. Madanakollu jidher li l-eccezzjoni qeghda tistrieh fuq l-Art 156 u l-Art 789 tal-Kap 12.

L-**<u>Art 156 tal-Kap 12</u>** ighid :-

*(1) Ir-rikors ġuramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b`mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f`paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment ;*

*(b) ir-raguni tat-talba ;*

*(c) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu enumerati …*

**L-Art 789 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) L-eccezzjoni ta` nullità tal-atti gudizzjarji tista` tinghata -*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti ;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi :*

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

Jidher illi l-eccezzjoni ghandha tkun inkwadrata fl-ambitu tal-Art 156(1)(a) abbinat mal-Art 789(1)(d) tal-Kap 12.

Tajjeb jinghad illi nonostante li l-Art 156 tal-Kap 12 tfassal f`termini rigoruzi u stretti, il-qrati taw interpretazzjoni wiesa` ghad-disposizzjoni tant li maz-zmien kien imsahhah il-principju illi eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjajru ghandha tkun mistharrga b`kawtela li jfisser illi sakemm l-azzjoni kif tkun promossa ma tivvjolax id-drittijiet tal-intimat li jiddefendi ruhu tajjeb, allura l-eccezzjoni m`ghandhiex tregi.

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fil-15 ta` Dicembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Moore noe v. Falzon et** kien deciz li –

*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anke ridotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Bonnici v. Zammit noe** li kienet deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art 156(1) kienet spjegata hekk –

*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte tal-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvenut ikun jista` jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata.*

Fil-kawza **Vella v. Cefai** (Appell Civili – 4 ta` Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f`citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art .156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista` tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f`dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista` jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa` l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista` jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta` citazzjoni ghandu jigi mwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew

sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali.

(ara wkoll : "**Fino v. Fabri noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997 "**Ellul v. Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1994 ; "**Guillaumier Industries Ltd v. Fava et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili 28 ta` Ottubru 1998 ; "**Attard noe v. Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta` Mejju 1998 ; u "**Aquilina v. Cassar**" – Vol.LXXVI.IV.666).

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-13 ta` Marzu 2003 fil-kawza **K.B. Real Estate Limited v. Silvio Felice Limited** jinghad dan li gej dwar l-element tal-kjarezza fl-att tac-citazzjoni –

> *... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista` tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b`mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*
>
> *... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*
>
> *... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ...*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` April 2004 fil-kawza **Malta Development Corporation v. Paul Licari** din il-qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-eccezzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 156 tal-Kap.12 li jimponi li c-citazzjoni "ghandu jkun fiha: [a] tifsir car u sewwa tal-oggetti u r-raguni tat-talba" u fis-subinciz tieghu jiddisponi li "[2] Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba".*

*Illi rigward l-interpretazzjoni ta` dan l-Artikolu, u l-applikazzjoni tal-istess, il-gurisprudenza nostrana enuncjat is-segwenti principji :-*

*Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li ghalihom iwasslu. Irid mhux biss jirrizulta dak in-ness guridiku bejn il-premessi u t-talbiet b` mod li jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-Art.156, imma hu wkoll mehtieg ad substantia et validitatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikabbli fil-ligi, u dana fil-parametri tal-att tac-citazzjoni kif redatt. L-Art. 156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlob dak l-oggett u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa [App.* ***Raymond Galea vs Anthony Galea*** *–30.03.1998 ; PA.* ***Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Galea*** *– 06.06.1991]*

*Illi dan kollu iservi ghax "il citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti che vanno uniti alla citazione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notificati" [PA  6.11.1930* ***Bernardo Zammit vs Lorenzo Cassar noe****; PA. 26.04.1951* ***Antonio Mizzi vs Stanley Chapman et*** *Vol.XXXX.II.399]*

*Dan l-Artikolu pero` "irceva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess disposizzjoni"* ***[Vol.XXIX.I.431 ; XXXII.I.228 ; XXXIV.II.502].***

*Il-ligi pero` ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni ; bizzejjed jiftiehem x`ikun qieghed jitlob l-attur, b`mod illi l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament u*

*sahansitra tista tkun anke indotta mid-domandi, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva li, stante li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mac-citazzjoni ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali. [PA.* ***Av.Dr.Carlo Moore noe vs ACE Carmelo Fiteni*** *– 15.12.1955 ; Vol.XLIII.II.748 ; Vol.XXX.I.228]; Qorti Kumm. [1989]* ***L-Avukat Dr. Stefan Frendo vs Philip Attard noe****. Vol.LXXIII.IV.972; Vol.LXXIV.II.406]. Fil-kaz* ***Joseph Sammut et noe vs Lorenza Agius*** *[9 ta` Frar 2001] l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li "Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju tal-ekwipollenza fil-kazijiet fejn ilkawzali ma tkun espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-kas ta` kawzali aktarx imfissra lakonikament [vide PA.* ***Calleja vs Av. Dr. J.Herrera*** *5 ta` Ottubru 1992]"*

*In-ness u t-test importanti huwa dak espress fil-kawza fl-ismijiet* ***Emma Scicluna vs Mary Xuereb et*** *[Appell 22.05.1967] fejn gie osservat li ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b`mod lakoniku, ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f`hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista` jiddefendi ruhu [PA.* ***Dr.Stefan Frendo noe vs Philip Attard*** *(CS) 19.06.1989]*

*Madankollu l-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1995, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-Kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi forom li jinutnuh" [App.28.02.1997* ***Charles Fino vs Alfred Fabri noe****], u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli" [App.24.01.1964* ***Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro****] PA (RCP)* ***Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini*** *19.01.1999].*

*In-nullita` tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi*

*principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi [PA* ***Alfred Vella et vs Agostino Camilleri*** *[1997] Vol.LXXXI.III.31].*

Din il-linja ta` hsieb kienet riaffermata wkoll fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tal-14 ta` Jannar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Jonah Caruana et v. Kummissarju tal-Artijiet et** fejn inghad :-

*"L-imharrkin jishqu li l-azzjoni attrici hija nulla peress illi t-talbiet huma difettuzi u jonqsu milli jiddistingwu b`mod car l-ghemejjel li setghu ttiehdu minn kull wiehed mizzewg imharrka. Ghal din l-eccezzjoni, l-atturi ma wegbux fissottomissjonijiet taghhom;*

*Illi ghandu jinghad illi meta l-attur jaghzel ghamla ta` azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli bizzejjed illi jaghti l-opportunita` lill-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa u wkoll lill-Qorti li taghraf x`ikun qieghed jitlobha. L-azzjoni attrici tiddependi mill-mod kif inhi mfassla;*

*Illi ghalkemm l-imharrkin infushom ma jghidux taht liema dispozizzjoni tal-ligi jqisu li l-azzjoni attrici ma tiswiex, jidher li qeghdin jistriehu fuq lartikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 marbut mal-artikolu 789(1)(d) tal-istess Kodici;*

*Illi dwar x`jikkostitwixxi `tifsir car u sewwa` fil-kaz ta` att promotur ta` kawza, il-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li r-rikors mahluf ghandu jkun fih tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet;*

*Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispozizzjoni li wiehed isib ghadd ta` decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tal-eccezzjoni tan-nullita` tal-att promotur ta` kawza minhabba n-nuqqas ta` harsien tal-ligi. Bosta*

*minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta. Biz-zmien issawret it-tejorija, maghrufa bhala "tal-ekwipollenti", li nisslet il-principju li mhijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni;*

*Illi, ghalhekk, rikors mahluf m`ghandux jitwaqqa` ghajr ghal ragunijiet gravi. Madankollu, jekk in-nuqqas ta` kjarezza jkun ta` ghamla u kwalita` tali li jcahhad b`mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ir-Rikors Mahluf ghandu jitwaqqa`. Ghaldaqstant, biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha, u li tali tifsila, kif inghad aktar `il fuq, ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta` l-attur;*

*Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Normalment, b`dan wiehed jifhem li dak li kellu f`mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed `il quddiem fil-kawza. B`dan il-mod, jekk iddifett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura ma jistax jinghad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta` siwi jew li l-procedura ma tkunx tista` tigi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet."*

(ara wkoll : Prim`Awla : 5 ta` Gunju 1959 fl-ismijiet **Sciortino et v. Micallef** (Kollez. Vol: XLIII.ii.748); Prim`Awla : 9 ta` Marzu 1965 fl-ismijiet **M. Muscat noe v. Dr. J. Cassar et noe** (Kollez. Vol: XLIX.ii.809); Appell Civili: 20 ta` Frar 1935 fl-ismijiet **Merola pro et v. Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106); Appell Civili : 22 ta` Mejju 1967 fl-ismijiet **Scicluna v. Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); Qorti tal-Kummerc : 19 ta` Gunju 1989 fl-ismijiet **Frendo noe v. Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971); Prim`Awla : 14 ta` Frar 1967 fl-ismijiet **Coleiro v. Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779); Appell Kummercjali : 20 ta` Jannar 1986 fl-ismijiet **Bonnici v. Zammit noe et** (Kollez. Vol: LXX.ii.243); Appell Civili : 7 ta` Marzu 1958 fl-ismijiet **Tabone v. De

**Flavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87); Appell Civili : 30 ta` Marzu 1998 fl-ismijiet **Raymond Bezzina v. Anthony Galea** (mhix pubblikata); Prim`Awla : 24 ta` Gunju 1961 fl-ismijiet **Falzon v. Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696).

Applikati dawn l-insenjament ghall-kaz odjern, il-qorti ssib illi l-eccezzjoni ma tistax tregi ghaliex ghalkemm l-attrici ma ndikatx bil-preciz id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha bbazat l-azzjoni, in-natura tal-azzjoni u konsegwentement id-disposizzjoni applikabbli tista` xorta wahda tkun dedotta mill-elementi l-ohra li jsawwru l-azzjoni. Tant hu hekk li l-konvenuti fir-raba` (4) eccezzjoni gharrfu jeccepixxu li l-attrici ma setghetx tressaq azzjoni skont l-Art 469A tal-Kap 12. Bil-komportament processwali taghhom jidher li gharrfu li jiddefendu l-posizzjoni taghhom bla ma garrbu pregudizzju tant illi wiegbu ghall-azzjoni attrici b`eccezzjonijiet fil-mertu.

**Anke it-tieni (2) ecezzjoni qeghda tkun respinta.**

**3. <u>L-interess guridiku</u>**
**(it-tielet eccezzjoni)**

Fit-tielet (3) eccezzjoni kienet eccepita l-karenza ta` interess guridiku tal-attrici sabiex tipproponi l-azzjoni.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom l-intimati jaghmlu l-argument illi r-rikorrenti ma ressqet ebda prova sabiex turi x`vantagg tista` tikseb bil-kawza ta` llum. Jikkontendu li l-validita` tal-licenzji ghall-kacca fir-rebbiegha tal-2020 ghaddiet bil-fatt li dawk il-licenzji ghalqu fit-30 ta` April 2020. Ladarba dawk il-licenzji kienu lahqu skadew fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat il-kawza odjerna ma jistax ikollha esitu utili ghall-attrici ghaliex ladarba dawk il-licenzji ghalqu ma hemmx raguni ghalfejn ghandhom jigu revokati. Lanqas ma jista` jinghad li l-hrug tal-licenzji kiser xi kondizzjoni pozittiva jew negativa li gabet jew pruvat iggib fix-xejn id-drittijiet tal-attrici.

L-attrici twiegeb ghall-argumenti tan-naha l-ohra billi tghid illi sa minn mindu hija kienet kostitwita fl-1962 l-ghan taghha dejjem kien is-salvagwardja tal-ambjent naturali partikolarment tal-ghasafar. BirdLife tikkopera mill-vicin mal-awtoritajiet pubblici sabiex tara li l-ligijiet ghall-harsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-biodiversita` jigu osservati skrupolozament. BirdLife hija wkoll parti minn BirdLife International u BirdLife Europe u tirrapprezenta lil Malta f`EURING li hija organizzazzjoni li tiehu hsieb ricerka dwar il-passa tal-ghasafar. Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha BirdLife tghid illi l-Gvern fdalha l-immaniggjar ta` erba` riservi naturali tal-ghasafar. Tiehu hsieb ukoll tirrapporta kacca u nsib illegali. Riferibbilment ghall-kaz ta` llum, BirdLife hadet hsieb tirrapporta l-illegilita` fil-hrug tal-licenzji permezz ta` kwerela tat-22 ta` April 2020.

L-attrici tishaq illi bil-kawza odjerna hija qeghda tfittex illi jsir haqq billi jigi dikjarat illi l-licenzji mahruga mill-Ministru ghal Ghawdex huma nulli ghaliex dawn kellhom jinhargu mill-Ministru ghall-Ambjent. Tghid illi bhala entita` non-governattiva ghandha l-interess guridiku sabiex tara li l-ligi tigi osservata bir-reqqa u fejn dan ma jsirx allura ghandu jkollha l-jedd illi tirrikorri ghall-intervent tal-qrati. Prezentement it-Taqsima taqa` taht il-kappa tal-Ministeru ghal-Ghawdex u dan il-fatt jikkozza mal-ligi li sal-lum ghadha ma gietx emendata u ghadha tipprovdi illi t-Taqsima tifforma parti integrali mid-dikasteru tal-Ministru ghall-Ambjent. BirdLife tghid ukoll li hija membru tal-Kumitat Ornis li huwa amministrat mit-Taqsima. Il-kumitat Ornis huwa stabbilit bil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 li tghid li l-kumitat jirraporta lill-Ministru ghall-Ambjent. Tghid ghalhekk illi "*ghandha interess u obbligu li tassigura li kwalunkwe ftehim, licenzja u/jew permess li johrog skont dawn il-ligijiet johrog skont il-ligi. Illi bl-agir tal-intimati dawn il-licenzji ma jistghux johorgu skont il-ligi.*".

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**<u>Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta</u>**" din il-qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet Manche` vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;*
*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss filbidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Caruana (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Michael Debono et). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-*

*ismijiet Axiaq vs Mizzi noe et (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet Scolaro vs Bailey (Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**<u>MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera</u>**" din il-qorti diversament presjeduta rrilevat illi :-

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet:"Dwar il-kuncett ta` l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li; Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista` jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-nessguridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u ddanni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

*L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50 ; **Mortara** VoII p.588). Il-**Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti ; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che*

*un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offendeun nostro diritto.”*

*Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura tal-azzjoni. L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Civilidatat 17 ta` Frar 1993.*

*Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey,*** *Appell Civili deciz fil-15 ta` Dicembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,*** *Prim`Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-principju gie ribadit fil-kawza* ***Falzon Sant Manduca vs Weale,*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess tal-attur, izda dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw*

*decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista` tirbah il-kawza u lanqas tista` tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista` jghid li l-interess guridiku :*

*- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt tal-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`*

*- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.”*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet :-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz tal-awtorita` gudizzjarja."*

*Fil-kawza* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha tal-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza flismijiet "****Falzon Sant Manduca vs Weale****", maqtugha fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Civ. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta`*

*dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawza deciza mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *inghad li: "Huwa risaput li l-interess tal-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja tal-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti tal-Appell fis-17 ta` Frar 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja tal-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza ohra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li :*

*"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja tal-azzjoni".*

Tal-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta 26 ta` April, 2012 fil-kawza "**<u>Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et</u>**" fejn inghad hekk :-

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" (**"Beatrice Manche noe -vs- Maria Montebello"** A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-*

*azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**"Giuseppe Camilleri et -vs- Giuseppe Sammut et"**P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**"Michelangelo Bond -vs- Carmelo Mangion et"** A.C. 27 ta` Mejju 1991; u **"Albert Calleja -vs- Orazio Micallef"** A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija tal-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Veronica Farrugia et -vs- Mary Buhagiar"** (A.C. - 2 ta` April 1993) u **"Joseph Attard et -vs- Paul Baldacchino" (**A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

Kif jirrizulta mill-gurisprudenza traccjata, il-qrati taghna tendenzjalment jaghtu interpretazzjoni restrittiva ghall-kuncett ta` interess guridiku.

Il-qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta` Marzu 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Is-socjeta` "The Ramblers Association of Malta" v. l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**. F`dak il-kaz is-socjeta` attrici kienet ghamlet diversi applikazzjonijiet sabiex twaqqaf zvilupp ta` proprjeta` fil-kampanja liema zvilupp kien kopert bil-permessi necessarji. L-intimati kienu eccepew in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attrici sabiex tippromwovi l-kawza. Bl-applikazzjoni tal-insenjament tradizzjonali l-Ewwel Qorti sabet illi r-rikorrenti ma kelliex l-interess guridiku. Madanakollu il-Qorti tal-Appell trattat il-kwistjoni minn perspettiva differenti u waslet ghal interpretazzjoni aktar wiesa` ta` dak illi jsawwar l-interess guridiku. Il-Qorti tal-Appell ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*"17. Ghandu jinghad izda illi llum huwa relevanti wkoll l-Ordni tal-2014 li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp – Avviz Legali 223 tal-2004 – mahrug taht l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea ["Kap. 460"] li wkoll ghandu bhala l-ghan tieghu "t-traspozizzjoni u l-*

*implimentazzjoni ta` certi dispozizzjonijiet tad-Direttiva 2003/35 UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta` Mejju, 2003 li tipprovdi ghall-partecipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta` certi pjani u programmi li ghandhom x`jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-partecipazzjoni pubblika u l-access ghall-gustizzja" – l-istess Direttivi implimentati bil-L.S. 549.41. Fil-fatt l-Avviz Legali 223 tal-224 dahhal l-artikolu gdid 41A f`dak li kien l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp ["Kap. 504"] :*

*41A. (1) Membri tal-pubbliku kkoncernat li ghandhom interess sufficjenti jkollhom access ghal procedura ta` revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta` kull decizjoni, att jew ommissjoni li ghandhom x`jaqsmu ma` zvilupp jew stallazzjoni li hi soggetta ghal studju dwar l-impatt ambjentali (`EIA`) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniggis (`IPPC`).*

*(2) Appell bhal dan jista` jigi pprezentat fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-decizjoni finali tal-Awtorità:*

*Izda appell bhal dan jista` jkollu x`jaqsam ma` jew ikun fih oggezzjoni ghal xi att jew ommissjoni li jkunu twettqu f`xi zmien waqt ilprocess tal-EIA jew tal-IPPC li wassal ghad-decizjoni inkwistjoni.*

*(3) Ghall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta` xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun registratata taht l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji ghandu jitqies bhala sufficjenti.*

*…*

*18. Dan jidher li hu implimentazzjoni tal-art. 10a tad-Direttiva 85/337/KEE introdott bl-artikolu 3.7 tad-Direttiva 2003/35:*

*L-Artikolu 10a*

*L-Istati Membri għandhom jizguraw illi, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessat:*

*(a) li jkollhom interess bizzejjed, jew alternattivament,*

*(b) li jzommu l-indebboliment ta` dritt, meta l-ligi amministrattiva procedurali ta` Stat Membru tehtieg dan bhala pre-kondizzjoni,*

*ikollhom access ghal rivista quddiem qorti tal-gustizzja jew korp iehor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-ligi ghalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew procedurali tad-decizjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` din id-Direttiva dwar il-partecipazzjoni tal-pubbliku.*

*L-Istati Membri ghandhom jistabbilixxu f`liema stadju jistghu jigu rrikuzati d-decizjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.*

*Dak li jikkostitwixxi interess sufficjenti u l-indebboliment ta` dritt ghandhom jigu stabbiliti mill-Istati Membri, b`mod konsistenti mal-mira li jinghata access ghall-gustizzja lill-pubbliku interessat. Ghal dan il-fini, l-interess ta` kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-htigiet riferiti fl-Artikolu 1(2) ghandu jitqies bizzejjed ghall-ghan tas-subparagrafu (a) ta` dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet ghandhom jitqiesu wkoll li ghandhom drittijiet kapaci li jigu indebboliti ghall-ghan tas-subparagrafu (b) ta` dan l-Artikolu.*

*Id-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu ma ghandhomx jeskludu l-possibbiltà ta` procedura ta` rivista preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma ghandhomx jaffettwaw il-htiega tal-ezawriment tal-proceduri tar-rivista amministrattiva qabel ir-rikors ghall-proceduri tar-rivista gudizzjarja, meta tezisti din il-htiega taht il-ligijiet nazzjonali.*

*Kull procedura bhal din ghandha tkun gusta, retta, f`waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.*

*Sabiex izidu l-effettività tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu, l-Istati Membri ghandhom jizguraw illi jintaghmel taghirf prattiku disponibbli lill-pubbliku dwar l-access ghall-proceduri amministrativi u gudizzjarji tar-rivista.*

*…*

*24. Il-kwistjoni fondamentali qabel xejn hija jekk fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum jistghux id-Direttivi jitqiesu li ghandhom effett dirett li tista` tinqeda bih l-attrici wkoll jekk dan jolqot ukoll incidentalment lill-konvenuti Said u Scerri bhala persuni privati. Jekk it-twegiba tkun illi hemm dak l-effett dirett, imbaghad tqum il-kwistjoni l-ohra jekk ahniex qeghdin nittrattaw dwar "interpretazzjoni" tad-Direttivi jew dwar "applikazzjoni" taghhom. Naturalment, qabel "tapplika" ligi trid l-ewwel "tinterpretaha" u l-interpretazzjoni trid titqies ukoll fid-dawl ta` dak illi l-gurisprudenza u d-dottrina Ewropej iridu biex jinghata effett dirett lid-Direttivi.*

*25. Nibdew bil-kwistjoni tal-effett dirett. Il-kondizzjonijiet biex Direttiva jkollha effett dirett gew imfissra hekk f`sentenza, fost ohrajn, tad-19 ta` Jannar 1982 fil-kaz 8/81 Becker v. Finanzamt Münster-Innenstadt :*

*… wherever the provisions of a directive appear, as far as their subject matter is concerned, to be unconditional and sufficiently precise, those provisions may, in the absence of implementing measures adopted within the prescribed period, be relied upon as against any national provision which is incompatible with the directive or in so far as the provisions define rights which individuals are able to assert against the State.*

*26. Mela biex Direttiva jista` jkollha effett dirett id-disposizzjonijiet taghha jridu jkunu i. mhux soggetti ghal kondizzjonijiet, ii. bizzejjed precizi u iii. mahsuba biex jaghtu drittijiet lil individwi kontra l-istat jew l-organi tieghu. Irid ikun ukoll ghadda inutilment iz-zmien ghall-implimentazzjoni taghhom – fil-kaz tad-Direttiva 2003/35 din kellha tigi implimentata sal-25 ta` Gunju 2005.*

*27. L-ostakolu fil-kaz tal-lum tidher li hija l-htiega li d-drittijiet taht id-Direttiva jkunu moghtija lil individwi kontra l-istat jew l-organi tieghu, mhux kontra individwi privati ohra: fi kliem iehor, Direttiva jista` jkollha effett dirett "vertikali" f`cirkostanzi xierqa, izda mhux effett dirett "orizzontali". Din il-kondizzjoni kompliet tigi mfissra mill-Qorti tal-Gustizzja fis-sentenza tas-26 ta` Frar 1986 fil-kaz 152/84 Marshall v. Southampton and South-West Hampshire Area Health Authority:*

*With regard to the argument that a directive may not be relied upon against an individual, it must be emphasized that according to Article 189 of the EEC Treaty the binding nature of a directive, which constitutes the basis for the possibility of relying on the directive before a national court, exists only in relation to `each Member State to which it is addressed`. It follows that a directive may not of itself impose obligations on an individual and that a provision of a directive may not be relied upon as such against such a person …*

*28. Madankollu jezisti wkoll il-kuncett ta` effett "incidentali" aktar milli "orizzontali" fejn il-Qorti tal-Gustizzja sabet illi l-effett dirett ta` Direttiva bejn l-istat u individwu tista` "incidentalment" tolqot il-posizzjoni legali ta` individwi privati ohra ukoll jekk ma tiggenerax dritt favur individwu kontra iehor..*

*29. Effettivament fil-kaz tal-lum l-attrici ma hijiex qieghda tinvoka dritt kontra l-atturi Said u Scerri; li qieghda tinvoka huwa dritt kontra l-Awtorità konvenuta – organu tal-istat – billi tesigi minghand dik l-awtorità li tara li ma jsirx zvilupp minghajr permess illi jista` jkollu effett hazin fuq l-ambjent. Il-konsegwenza li l-adempiment tal-Awtorità konvenuta ma` din it-talba jista` jkollu fuq il-posizzjoni legali tal-konvenuti Said u Scerri huwa biss effett "incidentali" tad-dritt li l-attrici ghandha, mhux kontra taghhom izda kontra l-awtorità, taht id-Direttivi.*

*30. Ma jidhirx ghalhekk illi bl-applikazzjoni diretta d-Direttiva tinghata effett "orizzontali" fis-sens li taghti dritt lill-attrici kontra l-konvenuti Said u Scerri; tkun qieghda biss tinghata effett "vertikali" fir-relazzjoni bejn l-attrici u l-Awtorità konvenuta li jista` jkollu effett "incidentali" fuq il-konvenuti Said u Scerri.*

*31. `Imiss naraw jekk hemmx l-elementi l-ohra mehtiega biex id-Direttiva 2003/35 tinghata effett dirett, viz. li d-disposizzjonijiet taghha i. ma humiex soggetti ghal kondizzjonijiet u ii. huma bizzejjed precizi.*

*32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt moghti taht id-Direttiva huwa bizzejjed preciz: dak li jaghti lil persuni interessati access ghal rimedju gudizzjarju "ghalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew procedurali tad-decizjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet" tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom ghalhekk omissjoni bhal dik li l-atturi jghidu li hija responsabbli ghaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx zvilupp minghajr permess li jiswa.*

*33. Ghalkemm jista` jinghad illi l-htiega illi "dak li jikkostiwixxi interess sufficjenti u l-indebboliment ta` dritt ghandhom jigu stabbiliti mill-Istati Membri" tista` titqies bhala kondizzjoni li, fiz-zmien relevanti kienet ghadha ma tharsitx, madankollu, persuni bhal ma hija s-socjetà attrici ma jintlaqtux b`dik il-kondizzjoni ghax id-Direttiva stess tghid illi:*

*l-interess ta` kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-htigiet riferiti fl-Artikolu 1(2) ghandu jitqies bizzejjed ghall-ghan tas-subparagrafu (a) ta` dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet ghandhom jitqiesu wkoll li ghandhom drittijiet kapaci li jigu indebboliti ghall-ghan tas-subparagrafu (b) ta` dan l-Artikolu.«*

*34. Dan juri car illi l-attrici ghandha "drittijiet kapaci li jigu indebboliti" – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistghu jintlaqtu hazin – f`materja ambjentali u ghandha wkoll l-interess*

*mehtieg biex ikollha access ghal stharrig gudizzjarju tal-ghemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta.*

*35. Il-konkluzjoni mela ghandha tkun i. illi t-tifsira tad-Direttiva hija cara bizzejjed li ma tehtiegx interpretazzjoni, u ghaldaqstant ma hija mehtiega ebda decizjoni preliminari mill-Qorti tal-Gustizzja, u ii. illi l-attrici ghandha interess guridiku illi jaghtiha legittimazzjoni attiva biex tmexxi b`din l-azzjoni tal-lum. L-ewwel aggravju ghandu ghalhekk jintlaqa`, u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri tigi michuda."*

Dan l-insenjament ghandu jghodd *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Bhal fil-kaz appena citat, l-attrici qeghda tinvoka dritt fil-konfront tal-intimati, bhala organi tal-Istat, u tistenna minnhom li dawn josservaw il-ligi. Ghalhekk l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/35 ghall-kaz tal-lum ghandha biss effett vertikali li jolqot ir-relazzjoni li hemm bejn l-attrici u l-konvenuti. L-effett tad-Direttiva fuq il-licenzji ghall-kacca huwa biss incidentali ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghall-osservazzjoni tal-ligi timpatta indirettament fuq il-hrug tal-licenzji. Id-Direttiva taghti dritt ben preciz lir-rikorrenti. Fil-kuntest tal-procediment tal-lum BirdLife tiffigura bhala entita` nongovernattiva illi tahdem sfieq favur il-harsien tal-ambjent. Ghalhekk tgawdi minn drittijiet illi f`kuntest ta` harsien ambjentali dawn id-drittijiet jistghu jintlaqtu hazin. Konsegwentement, bhala entita`interessata fil-harsien tal-ambjent, BirdLife ghandha l-jedd illi titlob rimedju gudizzjarju dwar stharrig ta` ghemil amministrattiv fi kwistjonijiet illi jolqtu l-harsien ambjentali. Dan huwa proprju dak illi qeghda taghmel BirdLife b`din il-kawza fejn qeghda titlob lill-qorti sabiex tistharreg jekk id-decizjoni li licenzji tal-kacca johorgu taht l-awtorita` tal-Ministru ghal Ghawdex kenitx ghemil kjonformi mal-ligi vigenti fil-mument tal-hrug tal-licenzji u cioe ma` dak li tahseb ghalih il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 u l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent Kap 549. Ghalhekk jissussisti l-interess guridiku tal-attrici.

**It-tielet eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

**4. <u>L-azzjoni mhux proponibbli skont l-Art 469A tal-Kap 12</u>**

**(ir-raba` eccezzjoni)**

L-**<u>Art 469A tal-Kap 12</u>** ighid :-

*(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta` kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta` xi gehmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :*

*(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*

*(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :*

*(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; <u>jew</u>*

*(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta` qabel dwar dak l-ghemil ; <u>jew</u>*

*(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; <u>jew</u>*

*(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

*(2) F`dan l-artikolu –*

*"ghemil amministrattiv" tfisser il-hrug ta` kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta` xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta` organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*Izda, hlief f`dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenhtieg taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa` ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta` din it-tifsira;*

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta` Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta` ligi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-ligi li johorgu warrants ghall-ezercizzju ta` xi sengha jew professjoni.*

Dwar azzjoni ta` din ix-xorta, din il-qorti (diversament presjeduta) qalet hekk fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta**" (li kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007) –

*Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita` pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta` dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista` taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta` min wettqu (ultra vires). F`din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta` setgha jista` jirrizulta meta l-att isir minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita`, ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta` dik l-awtorita` billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b`kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi*

*tifhem ukoll cahda jew rifjut ta` talba li ssir minn persuna lil xi awtorita` pubblika ;*

*Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-htiega li l-Qorti tqis x`tip ta` stharrig ghandha taghmel skont il-ligi dwar l-ghemil tal-Bank imharrek. Tali ezercizzju huwa wiehed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-kawza prezenti. Illum il-gurnata, l-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju ta` ghemil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta` stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista` jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-ligi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b`din l-ghamla ta` azzjoni ;*

*Illi mit-tifsira ta` "awtorita` pubblika" moghtija fl-artikolu 469A(2), johrog car li l-Bank imharrek huwa awtorita` kif hekk imfissra, u dan ukoll ghaliex huwa korp maghqud kostitwit permezz ta` ligi li ghandu funzjoni regolatrici pubblika u amministrattiva. Dawn l-elementi ma gew bl-ebda mod michuda mill-istess Bank u lanqas jidher li tqanqal xi dubju dwar jekk il-Bank huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni specjali mibdija kontra tieghu …*

Dan l-insenjament ighodd *mutatis mutandis* ghall-intimati odjerni (eskluz il-Prim Ministru, ghar-ragunijiet senjalati aktar kmieni) ghaliex l-attrici qeghda tikkontendi li l-hrug ta` licenzji mit-Taqsima bhala entita` li tpoggiet taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghal Ghawdex meta l-ligi tghid li taqa` taht ir-responsabilita` tal-Ministeru ghall-Ambjent jikser is-subinciz (1)(b)(iv) tal-Art 469A.

Dwar il-parametri ta` azzjoni skont l-Art 469A din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza li tat fil-25 ta` Frar 2021 fil-

kawza fl-ismijiet **Jeffrey Caruana et v. Onor. Ministru ghall-Finanzi et** ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :

*"Illi l-Artikolu 469A(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti tifsira ta` x`inhu l-"ghemil amministrattiv" li din il-Qorti tista` tistharreg f`kawza taht din il-procedura specjali. Il-ligi tfisser l-imsemmi "ghemil" bhala "l-hrug ta` kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew rifjut ghal talba ta` xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta` organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. .. .". Jekk kemm-il darba ghemil ma jkunx jaqa` taht din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistharrgu taht dak l-artikolu f`azzjoni bhal din, ghalkemm mhux eskluz li tista` tistharrgu taht is-setghat generali taghha ta` stharrig gudizzjarju filkazijiet li ma jkunux jaqghu fil-parametri specifici ta` azzjoni taht l-Artikolu 469A;*

*Illi huwa stabbilit ukoll li biex wiehed jista` jressaq azzjoni ta` stharrig gudizzjarju, jehtieg juri li kien hemm xi decizjoni jew rifjut ghal talba maghmula jew il-hrug ta` kull ordni, licenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita` pubblika sakemm din id-decizjoni, ordni, licenza, permess jew warrant ma ssirx bil-ghan ta` organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi hdan dik l-istess awtorita`. L-ghemil jista` jkun kemm fis-sura ta` decizjoni mgharrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub, ghalkemm mhux kull kitba li tohrog minn hdan xi awtorita` pubblika tikkostitwixxi "decizjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita` pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkunu sarulha;*

*Illi, madankollu, irid jinghad li taht it-tifsira ta` "ghemil amministrattiv", il-ligi tinkludi wkoll ir-rifjut ghal talba. Ir-rifjut ma jghoddx fih biss ic-cahda ta` talba imma wkoll in-nuqqas ta` ghoti ta` decizjoni sa certu zmien minn meta ssir talba. F`kaz bhal dan, iz-zmien meta nuqqas ta` decizjoni jitqies bhala rifjut jibda jghaddi minn dakinhar li talba tigi notifikata lill-awtorita` li tkun, u jekk kemm-il darba dik l-*

*awtorita` tonqos li taghti decizjoni sa zmien xahrejn minn dik in-notifika;"*

Il-qorti hija tal-fehma illi ir-raba` eccezzjoni hija nfondata.

B`ittra tas-17 ta` Jannar 2020 li kienet indirizzata direttament lill-Prim Ministru, BirdLife rrimarkat ghal dak fl-ittra taghha issejjah bhala *punt urgenti*. Inghad :

> *Huwa importanti li l-Kumitat ORNIS kif ukoll il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) ikunu r-responsabbilita` tal-Ministeru tal-Ambjent u ma jigux taht il-Ministeru responsabbli mid-drittijiet tal-annimali. Dawn iz-zewg entitajiet huma marbutin specifikament mal-harsien ambjentali u tan-natura u ghaldaqstant ikun zball jekk jitnehhew minn taht ir-responsabbilita` tal-Ministeru tal-Ambjent*.
>
> *Napprezza jekk tkun tista` taghtini risposta fiz-zmien li gej fuq dan il-punt …*

Fit-22 ta` Jannar 2020 BirdLife baghtet *e-mail* lill-Onor. Aaron Farrugia li kien inhatar bhala Ministru ghall-Ambjent fejn inghad :

> *"… naqsam mieghek l-importanza li d-WBRU, l-Kumitat ORNIS u l-Ambjent Malta jkunu kollha taht id-dekasteru tal-Ministeru tal-Ambjent. Nifhem li bhalissa qed isiru hafna laqghat u tahdidiet rigward dawn u hafna ohrajn, u hassejt il-bzonn u l-urgenza li ntik l-opinjoni tieghi*."

Ma jirrizultax li BirdLife kellha twegiba. Lanqas ghall-protest gudizzjarju taghha tad-29 ta` Jannar 2020. Addirittura, nonostante s-senjalazzjoni persistenti da parti ta` BirdLife, b`avviz numru 465 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta` Mejju 2020, sar maghruf l-Assenjament ta` Responsabbilita` lill-Ministri. Fil-parti tal-avviz li hija ta` rilevanza ghall-vertenza odjern, jinghad hekk :

*"BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, il-President ta` Malta, fuq il-pari tal-Prim Ministru, approva illi b`sehh mis-6 ta` Frar 2020, ir-responsabbilita` ghal:*

*...*

(c) *Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi tkun assenjata lill-Ministeru ghal Ghawdex*."

Permezz ta` dan l-avviz l-awtoritajiet intimati ssigillaw il-kwistjoni sollevata minn BirdLife.

Il-qorti tqis illi filwaqt li huwa minnu li BirdLife qatt m`applikat ghall-hrug ta` licenzja, madanakollu BirdLife agixxiet tempestiva sabiex tipprevjeni li jinhargu licenzji minn awtorita` differenti minn dik stabbilita mil-ligi.

Zgur illi ma jistax jinghad mill-intimati illi BirdLife qatt m`ghamlet talbiet f`dan is-sens.

Ghalhekk jirrizulta illi d-decizjoni attakkata kienet frott talba ufficjali.

In-nuqqas ta` twegiba jsahhah il-fehma ta` din il-qorti illi r-rikorrenti ghandha l-jedd illi titlob stharrig gudizzjarju tad-decizjoni amministrattiva fit-termini tal-Art 469A tal-Kap. 12.

**Anke r-raba` eccezzjoni qeghda tkun michuda.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari. Ghalhekk tillibera lill-konvenut Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad it-tieni (2) it-tielet (3) u r-raba` (4) eccezzjonijiet preliminari.**

**L-ispejjez relatati ma` din id-decizjoni jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**